FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Settembru, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 127/01JR**

**Carmel Robert Darmanin**

**vs**

**Arthur Sciberras**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), rapprezentanti hsarat ikkawzati fil-vettura proprjeta` ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni HAP-884, meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAI-015, laqat l-istess vettura ta' l-attur fil-25 ta' Jannar, 2001, f'Regional Road, St. Julian's. Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-8 ta' Marzu, 2001, fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut ma kienx unikament responsabbli ghall-incident li gara ghaliex l-attur naqas li jzomm "a proper look out", u ghalhekk giet prezentata kontro-talba biex jigi dikjarat li l-attur kien responsabbli ghall-incident li gara fil-25 ta' Jannar, 2001. Bl-ispejjez.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenut li fiha intalab il-hlas ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) billi l-attur kien responsabbli ghall-incident u ghandu jhallas l-ammont imsemmi bhala danni sofferti mill-konvenut.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba, prezentata fil-21 ta' Marzu, 2001, fejn intqal:**

i. **illi t-talba tal-konvenut rikonvenzjonat ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra tieghu stante illi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

ii. **illi d-danni reklamati huma eccessivi;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Robert Darmanin u Arthur Sciberras. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li grat fil-25 ta' Jannar, 2001, fir-Regional Road fid-direzzjoni li taghti lejn Bahar-ic-Caghaq, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni HAP-884 misjuqa mill-attur, u l-vettura AAI-015 misjuqa mill-konvenut. Il-vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni, bl-attur fil-karreggjata ta' barra u l-konvenut fil-karreggjata ta' gewwa.**

2. **Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu qed inaqqsu fil-velocita` peress li kien hemm t-traffic lights homor.**

3. **Skond l-attur, il-konvenut, li kien qabzu u miexi quddiemu, f'mument minnhom isswervja u qabez id-"dotted line" li tiddividi l-karreggjati. B'hekk sar l-impatt, peress li l-attur laqat bil-kantuniera ta' quddiem tieghu tan-naha tax-xellug, lill-konvenut fuq wara fil-kantuniera tan-naha tal-lemin.**
4. **Fir-rigward il-konvenut jichad kategorikament li qatt ma qabez id-"dotted line" pero` jammetti li f'waqt minnhom il-karozza tieghu sswervjat. It-Tribunal isibha difficli li l-konvenut setgha jasserixxi b'daqshekk certezza li ma kienx qabez id-"dotted line" anke bi ftit u momentanjament, meta dana stess qed jammetti li l-karrozza sswervjat. Ghalhekk fic-cirkostanzi hi aktar verosimili it-tezi ta'**

**l-attur. Mill-lat l-iehor qatt ma gie allegat jew b'xi mod pruvat li l-attur qabez id-"dotted line", filwaqt li hemm provi li jindikaw li l-konvenut fil-fatt, anke jekk definitivament mhux volontarjament, ghamel dan.**

5. **Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal il-konvenut ghandhu jigi tenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li grat u d-danni eventwali.**

6. **Bhala danni l-attur esebixxa l-istimi Dok.G, H u I. Dawna fil-fatt jammontaw ghall-mitejn hamsa u ghoxrin lira Maltija u sbatax-il centezmu. Pero` l-attur qed jitlob biss mitejn lira Maltija (Lm200.00) u ghalhekk it-talba qed tigi milqugha limitatament f'dan l-ammont.**

**Ghaldaqstant peress illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut, it-Tribunal filwaqt li qed jichad il-kontro-talba tal-konvenut, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**